xebh sew fir-razza kemm ukoll fil-lsien u fit-twemmin, qablu wisq fl-imkien, u wieħed għandu jobsor, illi t-Tempju ta' Melitta, kien iżjed magħruf, u msemmi; u għalhekk, l-isem tal-GŻIRA TA' MELITTA saret ħaġa jew titlu mogħti minn kull maħluq.

Iżda l-*Gwerra Punika*, u l-aħħar rebħa tar-Rumani, kontra l-Kartaġiniżi, fis-sena 215 Q K., ġagħlet li din il-Gżira, kontra r-rieda tagħha, tingħaqad mar-Rumani; u t-Tempju, allura ta' Melitta, biddel il-kerrejja, u ġie mlaqqam Tempju ta' Ġunone, u minn dak inħar il-Port, ġie magħruf taħt l-isem tal-Marsa ta' Ġunone.

Tolomew l-Astronomu, u Ċiċerun, il-Kbir Oratur, jistqarru li dan it-Tempju, kien mill-aqwa tad-dinja, mhux anqas minn dak ta' Djana ta' Efesu.

Antonio Quintino storiku ta' l-Ordni ta' Malta u awditur tal-Gran Mastru Lisle-Adam (1530), igħid illi ra b'għajnejh, xi fdal ta' dan it-Tempju, li kienu tassew sbieħ. Fil-Mużew tal-Belt, hemm fdal, medaljuni tar-rħam u bċejjeċ ta' dan it-Tempju.

Min ma jafx illi malli f'xi post jitwaqqaf Tempju bl-ikbar ħeffa jibdew jitwaqqfu ħafna djar ma' dwaru? u mhux biss djar għall-Qassisin u għar-rhieb, iżda wkoll biex jilqgħu fihom il-barranin, għax f'qasir żmien, il-post tat-Tempju isir blejta jew, kif isejħulha, *cittadella*. Dan għandna naħsbu illi sar hawn Malta, u l-ħlejjaq ta' barranin kienu bla qjies miġbuda bil-fama ta' dan it-Tempju. F'dawk iż-żminijiet ukoll, bħal ma tgħarrafna l-iskrittura u l-ġrajja ta' ġnus oħra, ma' ġenb it-Tempju aktarx kienu jwaqqfu torrijiet jew kastelli.

Wara t-trijonf ta' Kostantinu, Malta għalkemm taħt ir-Rumani, ma kinitx iżjed taħt il-ħakma ta'-Imperji ta' l-Oċċident, iżda ta' l-Orjent, u aktarx fis-sena 828 W.K. għan-naħħa tax-xatt, fil-ponta tal-lsien li jâti għall-baħar, ġie mibni mill-maltin,—allura insara sa mis-sena 58 wara Kristu, u minn Kustantinu mogħtija lilhom il-libertà tat-Twemmin Nisrani—Torri, jew Kastell imdaqqas, għal biex iħares u jilqa' l-assalti tal-furbani, li, bħala ġrati, kienu mlew u niġġsu kollu kemm hu l-Mediterran.

Fis-sena 870, skond il-kronika Għarbija Kartaġiniża, Malta waqgħet taħt difrejn is-Saraċini; u dal-Kastell kien minnhom imkabbar u mgħammar bil-kanuni. 220 sena damu hawn is-Saraċini, u għandna naħsbu li t-Tempju, jew kien inbidel f'Moskëa jew aktarx ħallewh jiġġarraf.

(jissokta.)

**Kan. G. M. Farrugia.**

# ID-DUD U L-MARD.

*Nibdew inġibu taħt din ir-ras l-ewwel biċċa milli qiegħed jiktbilna t-tabib H. fuq id-dud u t-tixrid tal-mard. Billi dil-ħaġa hi ta' ħtieġa u ta' tagħlim kbir, inħajru lill-qarrejja li jaqrawhom bid-dehwa kollha biex dak li jaqraw jiswielhom ta' ġid.*

## ID-DUBBIEN.

Id-dubbien, barra milli hu moqżież u jdejjaq, huwa wkoll dud ta' biża' għal saħħitna għax miegħu jġorr id-dud tal-mard. Għalhekk l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu biex nilqgħu ruħna, hi li kemm jista' jkun innaqqsu l-kotra tad-dbieben.

Minn Mejju l-quddiem, ngħidu aħna sal-ħarifa, il-għadd tagħhom jiżdied bl-eluf ta' l-eluf.

Hekk kif tibda tieħu xi ftit tas-sħana, għall-ħabta ta' Marzu u l-iżjed għall-ħabta ta' April, l-istaġun tat-tnissil tagħhom ikun beda.

Id-dubbiena tbîd mal-100 sal-150 bajda f'daqqa.

Raw u qiesu li jekk dubbiena tbid, ngħidu aħna fil-15 ta' April, mal-120 bajda, dik id-dubbiena l-waħda fl-aħħar ta' Settembru tkun nisslet mal-5,598,720,000,000 dubbiena. Dawn id-dubbiniet kollha, jekk wieħed igħaqqadhom u jrosshom flimkien, jagħmlu bħal kaxxa li minn kull ġenb tkun iġġib il-qjies ta' 8 qasab u sitt ixbar (20 jarda Ingliża); u dana biss jekk kemm-il darba din id-dubbiena tiġi li tmut wara li tkun għamlet u xeħtet l-ewwel għanqud bajd. Imma d-dubbiena tarġa' tbid darbtejn jew tliet darbiet iżjed, ukoll barra minn dawn ix-xorta ta' gzuz ta' bajd li semmejna.

Bix-xorti li d-dubbien għandhom l-egħdewwa tagħhom maħluqin għalihom, sew ma tûl it-tfesdiq (*) tagħhom kemm ukoll mita jrabbu l-ġwienaħ u jtiru.

Imma b'dawn l-egħdewwa kollha li għandhom, kull sajf aħna ninsabu mpestati bihom b'kotra kbira ta' bla għadd.

Id-dubbien iġorr miegħu l-mard: ħaġa żgħira biex nifhmu kif, għax kullħadd jaf id-drawwiet tagħhom. Il-mard ta' l-im-

(*) Mita l-bajd isir bħal dudu tax-xagħat.

ikbir jahkem bil-bosta tul
- keoim »koU , ui,,' id-dubbien għandu tas-
M-tff- Blal·ebda ^1 msaren bit-tniġġis ttegħtt.
E « " '^f 2*rid ^--'d, 1 [' ughn. bid-dud tal-mard
^tehe. k ',Tol iniM- ;k ħ;jnejna d-dud tal-mard tal-

BS-si(ler u.18°' mill-ħsarat I, d-dubbien
ei" ,w,ut h aħ,,a n'lqR, kull dubbiena litinsab ġewwa
,!*a h" hlima, bilħ neq-rdt ku J tiġikom żewġ—
Sista' iġih 1b',ħ 1 „ titnikkru hl-ħs e b d e n i · lflakru
» La 'TKubWen „,a i a f f £ f wliedko,n l-egħaiei,
billi titu-uaw I ħħa tasħkom U
aii hcmm hn-iwb ^

## 1L-OJUBLEW.

J W-APP 12 facċ., i6mo 1925]
[TA' P. INDRi MINS BORMLA KAPP. 32 &

għax miktub Wortograftja tajba.
1uq ,a' l-ewwel n,a nsibux xi ngħ.du ħħef natu p 1
[itl Kittieb. ·, \^
Fuq it-tieni: Għidna li miktub Vortoqrafya tajoa
hu. U-Kmieb għad illi l-alfabet ma ħux tegħna sabarra, n .
mexa - kif keUu jimxi - mal-grammatka. Maq*^*. *J
A-alfabet, paċenzja! hemm tajjeb li qabel magħna f naga
qabel magħna fil-grammatka. t ^
Patri Indri hu wiehed minn dawk ilHjgħożżu 1-lsietl '
u jħobbu jarawb miktub suret in-nies u dan narawh ukoll nnj1
i»bu mikmbl-/wwflfii/a/M liqiegħed f'idejh. Kien hemm
li l-ġurnali u l-kotba l-oħra bħalu, ikunu jixbhuh bilH J*01
fkitbithom ORTOGRAFIJA WAĦDA.
Barra minn xiħaġa żgħira 'ihawn u Thinn, Hortogr* '
danilktieb bi kollha kif titlob il-grammatka maltija U g ^
ahna nihrhu b'qalbna kollha Hll-Patri Indri.

S.

# IL-ORAMMATKA MALTIJA

# FIĊĊOKON.

*(Jissokta md td qabet).*

IL-GĦERQ TAL-KELMA
— TISWIR U TUSIGĦ-

Il-kelma maltija hi mibnija fuq għerq ta' *TLIET KONSONANTT*

Biex insibu 1-għerq, inħarsu lejn *W-mamnia,* jiġifieri lejn it-tielet persuna ta' ġens raġel, għadd wieħed tal-Verb fl-Imgħoddi u nieħdu 1-konsonanti tiegħu KIFINHUMA WARA XULXIN.

Mill-kelma *qatel* (lihi\-*mamma* ta' danil-verb) għandna 1-għerq Q-T-L.

Il-Verb malti hu ta'tliet konsonanti ; iżda billi ġieli naraw *mamma* b'anqas jew b'iżjed minn tlieta għandna nitgħallmu li :

Il-Verb jista' jkun ta' SURA EWLENIJA jew ta' SURA MNISSLA.

Is-SURA EWLENIJA tista' tkun *SĦIHA* (*qaiel*= Q-T-L) jew *NIEQSA. In-NIEOSA* tinqasam f'ħa-mest irjns: KTOROX *{radd*= RDD). 2.MOĦFIJA *{tàr* = T-(A)-R). 3.TAXXEBH (bl-ewwel konsonanti dgħajfa: *zuiret* LF-R-T). 4.TASSEW NEQSIN (bl-aħħar konsonanti dgħajfa: *lefa{f)* = *T-F./J.* 5. DGĦAJFA (b'żewġ konsonanti dgħajfa: *wera(j)* = *W-R-/J.* *(*)*

Is-SURA MNISSLA hi dejjem ġejja minn sura oħra. Hemm tmienja: r. Taerba' konsonanti (dawn iktarx huma żewġ verbi ta'sura ewlenija, fil-Malti iktarx mitlufà,—rainsuġin fl-imkien: *fer/er* =/*erer* = *ferr* = *fer* = *fet-fer* jew verbi ewlenin b'partiċella jew ittr* oħra *\\\\T)\I&3L* = *masħar* = *(m)saħar).*

2- Lijtennu 1-kons. tan-nofs: *qahad* = *qabbad.*
3- Lijbiddlu 1-ewwel Vokali *Và* jew *iè* fehem =*•fitheim**
4- Lijżidu *n* fil-bidu: faraġ = *nfaraġ.*
5- *t* *u* qarben = *tqarben.*
6- / wara 1-ewwel kons.: laqagħ = *ttaqagħ*
1- „ *st* massura ta' 1-Imperativ: *qarr—siqarr.*

(*) II-/u\-*w* huma konsonanti dgħajfa.